31998D0734

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tat-30 ta' Novembru 1998
dwar Regolament tekniku komuni għal stazzjonijiet terrestri mobbli tas-satellita (LMES) li joperaw fil-firxiet ta' frekwenza 1,5/1,6 GHz

(notifikati taħt id-dokument numru K(1998) 3695)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(98/734/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 98/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 1998 li għandha x'taqsam mat-tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u tagħmir ta' stazzjon terrestri tas-satellita, inkluż ir-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2), it-tieni inċiż, tagħha,

Billi il-Kummissjoni adottatat il-miżura li tidentifika t-tip ta' tagħmir ta' stazzjon terrestri tas-satellita li għaliha jinħtieġ Regolament tekniku komuni, kif ukoll id-dikjarazzjoni assoċjata ta' l-għan skond l-Artikolu 7(2), l-ewwel inċiż;

Billi l-*istandards* armonizzati korrispondenti, jew xi partijiet minnhom, li jwettqu l-ħtiġiet essenzjali li jridu jiġu trasformati f'Regolamenti tekniċi komuni għandhom jiġu adottati;

Billi biex tiġi żgurata l-kontinwità ta' l-aċċess għas-swieq għall-manifatturi, jeħtieġ li jkun permessi arranġamenti ta' transizzjoni li jirrigwardaw it-tagħmir approvat skond ir-regolamenti nazzjonali ta' approvazzjoni tat-tip;

Billi l-proposta ġiet sottomessa lill-Kumitat (ACTE), skond l-Artikolu 29(2);

Billi r-Regolament tekniku komuni li għandu jiġi adottat f'din id-Deċiżjoni huwa skond l-opinjoni tal-ACTE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għat-tagħmir ta' stazzjon terrestri tas-satellita li jaqa' fi ħdan il-għan ta' l-*istandard* armonizzat identifikat fl-Artikolu 2(1).

2. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi Regolament tekniku komuni li jkopri stazzjonijiet terrestri mobbli tas-satellita (LMES) li joperaw fil-firxiet ta' frekwenza 1,5/1,6 GHz.

Artikolu 2

1. Ir-Regolament tekniku komuni għandu jinkludi l-*istandard* armonizzat imħejji mill-korp ta' l-istandardizzazzjoni rilevanti li jwettaq sa fejn hu applikkabli l-ħtiġiet essenzjali msemmija fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 98/13/KE. Ir-referenza għall-*istandard* hija stipulata fl-Anness I.

2. It-tagħmir ta' stazzjonijiet terrestri tas-satellita kopert minn din id-Deċiżjoni għandu jikkonforma mar-Regolament tekniku komuni msemmi fil-paragrafu 1, għandu jissodisfa l-ħtiġiet essenzjali msemmija fl-Artikolu 5(a) u (b) tad-Direttiva 98/13/KE

[1] ĠU L 74, tat-12.3.1998, p. 1.

u għandu jissodisfa l-ħtiġiet ta' kull Direttiva oħra applikabbli, b'mod partikolari d-Direttivi tal-Kunsill 73/23/KEE [1] u 89/336/KEE [2].

3. L-Anness II, it-Tabella A, tiddikjara l-limiti ta' emissjonijiet mhux mixtieqa 'l fuq minn 1 000 MHz u barra mill-firxiet 1 626,5 MHz sa 1 645,5 MHz u 1 656,6 MHz sa 1 660,5 MHz applikabbli qabel l-1 ta' Ġunju 2002. L-Anness II, it-Tabella B, tiddikjara dawk il-limiti applikabbli mill-1 ta' Ġunju 2002.

Artikolu 3

Il-korpi notifikati maħtura biex iwettqu l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 98/13/KE għandhom fir-rigward tat-tagħmir ta' stazzjonijiet terrestri tas-satellita kopert bl-Artikolu 1(1) ta' din d-Deċiżjoni, jużaw jew jiżguraw l-użu ta' l-*istandard* armonizzat imsemmi fl-Anness wara n-notifika ta' din d-Deċiżjoni.

Artikolu 4

1. Regolamenti nazzjonali ta' approvazzjoni tat-tip li jkopru tagħmir fi ħdan l-iskop ta' l-*istandard* armonizzat imsemmi fl-Anness m'għandhomx jibqgħu applikabbli b'effett minn tliet xhur wara d-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. It-tagħmir ta' stazzjonijiet terrestri tas-satellita approvat skond dawn ir-regolamenti nazzjonali ta' approvazzjoni tat-tip jista' jkompli jitqiegħed fis-suq nazzjonali u jitqiegħed fis-servizz.

Artikolu 5

Din id-Deċizjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, it-30 ta' Novembru 1998.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 77, tas-26.3.1973, p. 29.
[2] ĠU L 139, tat-23.5.1989, p. 19.

ANNESS I

Referenza għall-*istandard* armonizzat applikabbli

L-*Istandard* armonizzat imsemmi fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni hu

Stazzjonijiet terrestri tas-satellita u sistemi (SES);
Stazzjonijiet terrestri mobbli tas-satellita (LMES) li joperaw fil-firxiet ta' frekwenza 1,5/1,6 GHz li jipprovvdu komunikazzjoni tal-vuċi u/jew tat-tagħrif

ETSI

Istitut Ewropew ta' l-*Istandards* ta' Telekomunikazzjoni

Segretarjat ETSI

TBR44: Mejju 1998

(eskluza d-daħla)

Tagħrif addizzjonali

L-Istitut Ewropew ta' l-*Istandards* ta' Telekomunikazzjoni huwa rikonoxxut skond id-Direttiva tal-Kunsill 83/189/KEE [1].

L-*istandard* armonizzat imsemmi hawn fuq ġie prodott skond mandat maħruġ skond il-proċeduri rilevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 83/189/KEE.

It-test sħiħ ta' l-*istandard* armonizzat imsemmi hawn fuq jista' jinkiseb minn:

Istitut Ewropew ta' l-*Istandards* ta' Telekomunikazzjoni
650 route des Lucioles
F-06921 Sophia Antipolis Cedex

Kummissjoni Ewropea,
DG XIII/A/2 - (BU 31, 1/7),
Rue de la Loi/Wetstraat 200,
B-1049 Brussel

jew minn kull organizzazzjoni oħra responsabbli biex tagħmel disponibbli l-*istandards* ETSI, li tagħhom hemm lista fuq l-*Internet* taħt l-indirizz www.ispo.cec.be.

[1] ĠU L 109, tas-26.4.1983, p. 8.

ANNESS II

TABELLA A

Limiti ta' emissjonijiet mhux mixtieqa' l fuq minn 1 000 MHz u barra l-firxiet 1 626,5 MHz sa 1 645,5 MHz u 1 656,6 MHz sa 1 660,5 MHz applikabbli qabel l-1 ta' Ġunju 2002

Firxa ta' Frekwenza (MHz)	Carrier-on		Carrier-off	
	Limitu EIRP (dBpW)	Kejl tal-wisa' ta' firxa (kHz)	Limitu EIRP (dBpW)	Kejl tal-wisa' ta' firxa (kHz)
1 000 sa 1 525	49	100	48	100
1 525 sa 1 559	49	100	17	3
1 559 sa 1 600	49	100	48	100
1 600 sa 1 626	74	100	48	100
1 626 sa 1 626,5	84	3	48	100
1 645,5 sa 1 645,6	104	3	57	3
1 645,6 sa 1 646,1	84	3	57	3
1 646,1 sa 1 655,9	74	3	57	3
1 655,9 sa 1 656,4	84	3	57	3
1 656,4 sa 1 656,5	104	3	57	3
1 660,5 sa 1 661	84	3	48	100
1 661 sa 1 690	74	100	48	100
1 690 sa 3 400	49 (nota 2)	100	48	100
3 400 sa 10 700	55 (nota 3)	100	48	100
10 700 sa 21 200	61	100	54	100
21 200 sa 40 000	67	100	60	100

Nota 1 Il-limiti l-baxxi ghandhom japplikaw mal-frekwenzi ta' transizzjoni.

Nota 2 Fil-firxa 3 253,0 MHz sa 3 321,0 MHz l-EIRP massimu f'kejl tal-wisa' ta' firxa ta' 100 kHz wieħed, u wieħed biss, m'ghandux jaqbeż it-82 dBpW. Bnadi ohra f'din il-firxa il-limitu tal-qawwa f'din it-tabella ghandu jiġi applikat

Nota 3 F'kull waħda mill-firxiet 4 879,5 MHz sa 4 981,5 MHz, 6 506,0 Mhz sa 6 642,0 Mhz u 8 132,5 MHz sa 8 302,5 MHz, l-EIRP massimu f'kejl tal-wisa' ta' firxa ta' 100 kHz wieħed, u wieħed biss, m'ghandux jaqbeż it-72 dBpW. Fil-firxa 9 759,0 MHz sa 9 963,0 MHz il-qawwa massima f'kejl tal-wisa' ta' firxa ta' 100 kHz wieħed, u wieħed biss, m'ghandhiex taqbeż il-61 dBpW. Bnadi ohra f'din il-firxa il-limitu tal-qawwa f'din it-tabella ghandu jiġi applikat.

TABELLA B

Limiti ta' emissjonijiet mhux mixtieqa' l fuq minn 1 000 MHz u barra l-firxiet 1 626,5MHz sa 1 645,5 MHz u 1 656,6 MHz sa 1 660,5 MHz applikabbli mill-1 ta' Ġunju 2002

Firxa ta' Frekwenza (MHz)	Carrier-on		Carrier-off	
	Limitu EIRP (dBpW)	Kejl tal-wisa' ta' firxa (kHz)	Limitu EIRP (dBpW)	Kejl tal-wisa' ta' firxa (kHz)
1 000 sa 1 525	49	100	48	100
1 525 sa 1 559	49	100	17	3
1 559,0 sa 1 580,42	50	1 000	50	1 000
1 580,42 sa 1 605,0	50	1 000	50	1 000
1 605,0 sa 1 610,0	(nota 4)	100	(nota 5)	100
1 610 sa 1 626,0	74	100	48	100
1 626 sa 1 626,5	84	3	48	100
1 645,5 sa 1 645,6	104	3	57	3
1 645,6 sa 1 646,1	84	3	57	3
1 646,1 sa 1 655,9	74	3	57	3
1 655,9 sa 1 656,4	84	3	57	3
1 656,4 sa 1 656,5	104	3	57	3
1 660,5 sa 1 661	84	3	48	100
1 661 sa 1 690	74	100	48	100
1 690 sa 3 400	49 (nota 2)	100	48	100
3 400 sa 10 700	55 (nota 3)	100	48	100
10 700 sa 21 200	61	100	54	100
21 200 sa 40 000	67	100	60	100

Nota 1 Il-limiti l-baxxi ghandhom japplikaw mal-frekwenzi ta' transizzjoni.

Nota 2 Fil-firxa 3 253,0 MHz sa 3 321,0 MHz l-EIRP massimu f'kejl tal-wisa' ta' firxa ta' 100 kHz wieħed, u wieħed biss, m'ghandux jaqbeż it-82 dBpW. Bnadi ohra f'din il-firxa il-limitu tal-qawwa f'din it-tabella ghandu jiġi applikat

Nota 3 F'kull waħda mill-firxiet 4 879,5 MHz sa 4 981,5 MHz, 6 506,0 Mhz sa 6 642,0 Mhz u 8 132,5 MHz sa 8 302,5 MHz, l-EIRP massimu f'kejl tal-wisa' ta' firxa ta' 100 kHz wieħed, u wieħed biss, m'ghandux jaqbeż it-72 dBpW. Fil-firxa 9 759,0 MHz sa 9 963,0 MHz il-qawwa massima f'kejl tal-wisa' ta' firxa ta' 100 kHz wieħed, u wieħed biss, m'ghandhiex taqbeż il-61 dBpW. Bnadi ohra f'din il-firxa il-limitu tal-qawwa f'din it-tabella ghandu jiġi applikat.

Nota 4 Interpolata linearment minn 40 dBpW f' 100 kHz ma' 1 605,0 MHz sa 74 dBpW f' 100 kHz ma' 1 610,0 MHz.

Nota 5 Interpolata linearment minn 40 dBpW f' 100 kHz ma' 1 605,0 MHz sa 48 dBpW f' 100 kHz ma' 1 610,0 MHz.